MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 660/2006

Emanuel **BORĠ** u martu Louise

vs

**DIRETTUR ĠENERALI, DIVIŻJONI TAL-IKEL U L-ATTIVITA' VETERINARJA**, illum magħruf bħala Diviżjoni għall-Affarijiet Veterinarji u Sajd, u Direttur Ġenerali, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-18 ta' Lulju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsara kollha mġarrba minnhom minħabba l-ordni li huma tawhom fit-12 ta' Ġunju, 2004, biex joqtlu t-tjur kollha fir-razzett

tagħhom, u dan minħabba li l-istess ordni daħħlet lill-atturi f'nefqa bla bżonn u telf ta' qligħ b'effett tal-imperizja u/jew it-traskuraġni tal-istess imħarrkin; (b) tillikwida d-danni mġarrba minħabba f'dik l-imġiba; u (ċ) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuhom is-somma hekk likwidata. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2006, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Awissu, 2006, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi jiċħdu li huma naqsu li jwiddbu fil-ħin lill-atturi u billi jżidu jgħidu li t-testijiet kienu ilhom isiru x-xhur qabel ma nħareġ l-ordni. Huma jgħidu li l-atturi nfushom jaħtu għal dak li ġarrbu. Iżidu jgħidu li dak li nstab fir-razzett tal-atturi kien jista' jwassal għal ordni tal-għeluq tal-istess razzett, skond id-Direttivi u r-Regolamenti Komunitarji;

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-16 ta' April, 2009[1], li magħha nhemżet stqarrija maħlufa tal-attur;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2009, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha biex iżżomm seduti għall-ġbir tal-provi tal-partijiet;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010[2], li bih ċaħdet talba magħmula mill-atturi b'rikors tagħhom tal-1 ta' Marzu, 2010, biex jitħallew iressqu dokumenti bi prova tagħhom, minkejja li kien ingħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Mejju, 2010, li bih u fuq talba tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' Noti ta' Sottomissjonijiet;

---

[1] Paġġ. 13 – 5 tal-proċess
[2] Paġ. 132 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-20 ta' Lulju, 2010[3];

Rat li l-intimati naqsu li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li ma tressqet l-ebda talba biex il-Qorti ma tgħaddix għall-għoti tas-sentenza;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni mġarrba minħabba deċiżjoni tal-amministrazzjoni pubblika. L-atturi jmexxu razzett li fih, fost l-oħrajn, irabbu t-tjur. Jgħidu li, b'ordni mogħti lilhom fit-12 ta Ġunju, 2004, kellhom joqtlu għadd ta' tjur minħabba li nstab li kienu mniġġsa b'kimika antibijotika li r-regoli ma jħallux li tintuża f'bhejjem u tjur li jkunu jitrabbew għall-ikel tal-bniedem. Jgħidu li l-ordni ngħatalhom bla twissija minn qabel u li, minħabba fih, ġarrbu telf kbir u daħlu f'nefqa bla bżonn. Jgħidu li dan it-telf ġarrbuh bi ħtija tal-imħarrkin għaliex naqsu li jwettqu s-setgħat tagħhom kif imiss u b'għaqal jekk mhux ukoll bi traskuraġni. Iridu l-kumpens għad-danni li ġarrbu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu xi ħtija min-naħa tagħhom għal dak li ġaralhom l-atturi. Huma jgħidu li t-testijiet fir-razzett tal-atturi kien ilhom għaddejjin fuq medda ta' żmien u dak li nstab ikkonferma dak li għalih kienu qegħdin isiru t-testijiet. Jgħidu li l-atturi ġabu l-ħsara b'idejhom u għalhekk m'għandhomx jagħmlu tajjeb għal xi ħsara li ma jaħtux għaliha huma. Fuq kollox, b'dak li ħareġ mit-testijiet imsemmija, kien jagħti jedd lill-

[3] Paġġ. 135 – 9 tal-proċess

awtorita' pubblika biex tordna l-qerda tat-tjur bis-saħħa tar-regolamenti Komunitarji;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur iżomm razzett f'Ħaż-Żebbuġ, Malta, bil-permess mogħti mill-awtorita' veterinarja kompetenti bin-numru PBM-042 sa minn bejn wieħed u ieħor l-1986[4]. Il-permess jaħseb għat-trobbija f'kull waqt wieħed ta' mhux aktar minn erbat elef (4,000) fellus għall-qatla[5];

Illi f'xi żmien fil-bidu tal-2002, kien instab li wara qatla ta' tiġieġ f'biċċerija privata, il-laħam ta' xi wħud minnhom kien imniġġes b'kimika. Irriżulta li dawk it-tajr kienu trabbew fir-razzett tal-atturi[6] F'Mejju tal-2002, rappreżentanti tad-dipartiment ħadu kampjuni tal-ilma li bih l-attur kien jisqi t-tjur, tal-għalf li jintemgħu u wkoll ta' għadd żgħir ta' flieles biex jagħmlu aċċertamenti fuqhom. Dan il-proċess tennewh f'Mejju tal-2003 u f'April tal-2004[7]. Ir-riżultati li ġew wara l-analiżi li saret urew li l-ilma tar-razzett kien tniġġes b'kimika antibijotika u anti-batterika – furazolidone – li, b'seħħ minn Awissu tal-1999[8], l-awtoritajiet sanitarji f'Malta ma ħallewhiex tintuża aktar fejn tidħol it-trobbija ta' tjur u bhejjem bil-għan li l-laħam tagħhom jittiekel mill-bniedem. F'April tal-2004, l-veterinarja dipartimentali ordnat li jsir stħarriġ fir-razzett tal-atturi[9];

Illi f'Ġunju tal-2004, fuq ordni tal-veterinarju tal-Gvern[10], l-atturi ħadu għall-qatla tlitt elef u mitejn (3,200) tiġieġa msemmna għand biċċier privat[11]. Dan l-għadd kien jagħmel minn ħamest elef (5,000) fellus li huma kienu xtraw f'Marzu ta' qabel[12]. F'dak ix-xahar l-atturi nżammew milli jerġgħu jrabbu iżjed tajr għall-qatla. Iżda x-xahar ta' wara ngħataw il-permess li jżommu mat-tużżana tiġieġ u jrabbuhom billi jisquhom minn sistema differenti minn dak li kien jitħaddem qabel[13];

---

[4] Xhieda tiegħu 3.11.2009, f'paġ. 77 tal-proċess
[5] Dok "JB", f'paġ. 76 tal-proċess
[6] Xhieda ta' Frans Farruġia 21.10.2009, f'paġ. 63 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Dr. Ruth Camilleri 6.7.2009, f'paġġ. 47 – 8 tal-proċess
[8] Dok "JB1", f'paġ. 75 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Dr. Angele Casha 6.7.2009, f'paġ. 41 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Gracelene Ċilia 16.12.2009, f'paġ. 106 tal-proċess
[11] Dok "EB", f'paġ. 22 tal-proċess
[12] Dok "EB", f'paġ. 27 tal-proċess
[13] Xhieda tal-attur fil-kontro-eżami 3.11.2009, f'paġġ. 85 – 6 tal-proċess

Illi wara li l-atturi bidlu s-sistema tal-ilma li jservi biex bih kienu jisqu t-tjur, reġa' ngħata l-permess li tibda t-trobbija tagħhom fir-razzett, wara li ma baqax jinsab iżjed tniġġis bil-kimika ipprojbita[14]. Għall-bidu ma kienx irabbi daqs kemm kien irabbi meta twaqqaf, għaliex sadattant il-biċċier kien beda jixtri t-tiġieġ mingħand raħħala oħrajn, u laħqet qalbet is-sena sakemm l-atturi reġgħu bdew jgħollu l-għadd ta' tajr imrobbi għal-livelli ta' qabel;

Illi l-kawża nfetħet f'Lulju tal-2006;

Illi bħal ma jiġri f'kull kawża msejsa fuq l-allegazzjoni tad-danni mġarrba minħabba l-għamil ta' ħaddieħor, ma jonqosx li l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali jduru mal-kwestjoni tal-għamla ta' mġiba li tkun nisslet dak id-dannu, u min irid iwieġeb għal imġiba bħal dik. F'dan il-każ, l-ilment tal-atturi dwar l-imġiba li kkawżatiklhom id-danni huwa minnhom stess imfisser f'dan il-kliem fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom: "l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar l-inadegwatezza tal-metodu użat mid-dipartiment biex jaffronta sitwazzjoni bħal din u, jekk għall-grazzja tal-argument kellhom raġun, illi jieħdu azzjoni immedjata u illi tirriduċi d-danni lil min ikun vittma ta' ċirkostanzi bħal dawn"[15];

Illi kif ingħad bosta drabi, huwa prinċipju stabilit li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtijietha[16], u li jitqies fi ħtija kull min, f'għamilu, ma jużax il-prudenza, għaqal u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[17]. B'mod partikolari, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel ħsara, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' għaqal, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk[18]. Madankollu, ħsara li sseħħ b'aċċident jew b'forza maġġuri jbatiha dak li fuq ħwejġu tiġri l-ħsara, sakemm il-liġi ma tgħidx mod ieħor[19];

---

[14] Xhieda ta' Moira Paċe 6.7.2009, f'paġ. 45 tal-proċess
[15] Paġ. 139 tal-proċess
[16] Art. 1031 tal-Kap 16
[17] Art. 1032(1) tal-Kap 16
[18] Art. 1033 tal-Kap 16
[19] Art. 1029 tal-Kap 16

Illi bil-frażi "dmir impost mil-liġi" wieħed għandu jifhem kull għamla ta' ksur jew trasgressjoni ta' xi dover li l-liġi tqiegħed fuq persuna partikolari f'xi ċirkostanza partikolari[20], u dan taħt il-massima *qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non fecit*. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li b'liġi hawn wieħed ma jifhimx biss il-liġi ċivili, imma wkoll kull att leġislativ li għandu s-saħħa ta' liġi;

Illi fil-każ fejn persuna tallega li tkun ġarrbet ħsara minħabba l-għamil jew l-omissjoni tal-parti l-oħra, jeħtieġ li min jallega li ġarrab dannu jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta' ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mġarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-għamil jew ta' dik l-omissjoni[21]. Fil-każ tal-lum, fir-rigward tal-kwestjoni tar-responsabbilta' huwa meħtieġ li jintwera li l-atturi ġarrbu l-ħsarat li minnhom jilmintaw u kif ukoll jeħtieġ li jintwera li dik il-ħsara kienet ħtija ta' l-imħarrkin;

Illi l-ilment ewlieni tal-atturi jidher li jikkonsisti fil-fatt li għal tul ta' żmien inżammew fid-dlam dwar dak li kien qiegħed jiġri. B'mod partikolari, huma jilmintaw mill-fatt li l-imħarrkin tnikkru u ma mxewx bl-għaqal mistenni, meta ħallew jitwal iż-żmien bejn meta ttieħdu l-kampjuni mir-razzett tagħhom u meta għarrfuhom x'kienu r-riżultati. Jilmintaw ukoll mill-fatt li qatt ma ngħataw tagħrif ta' x'kien qiegħed jiġri sewwasew. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[22], l-atturi jfissru li t-traskuraġni li jixlu lill-imħarrkin biha ma jifhmuhiex bħala dik fejn persuna ma jimpurtaha minn xejn, imma dik fejn "juri maċ-ċittadin illi l-problemi m'humiex urġenti meta fil-fatt ikunu, jew l-istrutturi illi jkun hemm ikunu qed iġibu dewmien esaġerat";

Illi mid-dokumenti mressqa[23], jirriżulta li l-ewwel kampjun ittieħed f'Mejju tal-2002, minn tiġieġ maqtul fil-biċċerija wara li kien imrobbi fir-razzett tal-atturi. Dan kien jagħmel

---

[20] App Ċiv. **30.6.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Bondin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.582**)
[21] App. Ċiv. Inf. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġovanni Vella et vs Michael Ċilia***
[22] Ara paġ. 136 – 7 tal-proċess
[23] Dok "MP", f'paġġ. 53 – 5 tal-proċess

parti minn għadd ta' kampjuni li nġabru fil-qafas tal-pjan nazzjonali ta' monitoraġġ imsejjaħ *National Residues Plan*. Dawn il-kampjuni ntbagħtu barra minn Malta (iżda d-data ma tirriżultax) f'laboratorju akkreditat fl-Irlanda ta' Fuq. Ir-riżultat mil-laboratorju ta' barra ntbagħat lid-dipartiment lejn l-aħħar ta' Marzu tal-2003. It-tieni kampjun ittieħed f'Mejju tal-2003, u ntbagħat f'laboratorju fl-Italja (flimkien ma' kampjuni oħrajn li nġabru minn irziezet oħrajn) f'Ottubru tal-2003[24]. Il-laboratorju barrani bagħat parti mir-riżultat (dwar il-kampjun tal-għalf) b'*e-mail* fi Frar 2004 (id-dokument iġib id-data tal-31 ta' Ottubru, 2003) u t-tieni parti (dik dwar il-kampjun tal-laħam tat-tjur) f'Marzu tal-2004. It-tielet kampjun ittieħed f'Ottubru tal-2003 u ntbagħat lill-istess laboratorju fl-Italja. Ir-riżultat intbagħat lid-dipartiment f'Malta f'Marzu tal-2004. Żewġ kampjuni oħrajn ittieħdu f'April tal-2004, intbagħtu lil-laboratorju fl-irlanda ta' Fuq u dan bagħat ir-riżultat f'Mejju. Dwar tliet kampjuni oħrajn meħuda f'Awissu tal-2004, Marzu tal-2005 u Lulju tal-2006 (mibgħut barra f'Settembru tal-2006), u mibgħuta lil laboratorji fl-Italja, r-Renju Unit u l-Italja rispettivament – u li fihom ma nstabet l-ebda traċċa ta' tinġis kimiku – ntbagħtu lura f'Ottubru, 2004, Diċembru tal-2005 u Ottubru tal-2006 rispettivament;

Illi fil-fehma tal-Qorti il-passi meħuda matul ix-xhur bejn Mejju tal-2003 u Mejju tas-sena ta' wara kienu kollha passi meħtieġa li riedu jintagħmlu minħabba t-tinġis li irriżulta minn kull kampjun li ntbagħat mir-razzett tal-atturi. Intwera li ż-żmien li ttieħed bejn meta nġabru l-kampjuni u meta l-laboratorji barranin akkreditati bagħtu lura r-riżultati kien wieħed mistenni għall-għamla ta' analiżi li kellha ssir fuq il-kampjuni mibgħuta. Jirriżulta li, biex ma jkunx hemm dewmien, fejnj wieħed mil-laboratorji kellu ħsara f'makna li tanaliżża l-kampjuni, l-awtoritajiet Maltin bagħtu l-kampjuni lil laboratorju akkreditat ieħor. Sadattant l-atturi ma twaqqfux milli jkomplu jrabbu u jibagħtu għall-qatla trobbijiet oħrajn ta' tiġieġ. Kien biss dwar it-trobbija li laħqet fil-bidu ta' Ġunju tal-2004, li l-imħarrkin taw direttiva

[24] Xhieda ta' Dr. Angele Casha 20.1.2010, f'paġ. 115 tal-proċess

li din tinqatel u tinqered għaliex ma kinitx tajba biex tittiekel mill-bnedmin minħabba t-tinġis kimiku[25];

Illi minn dan kollu, l-Qorti ma tara xejn li jista' jwassalha biex issib li l-imġiba tal-imħarrkin kienet waħda traskurata jew negliġenti, kif iridu l-atturi. Il-passi meħuda mill-imħarrkin, għall-kuntrarju, jidher li kienu meqjusa u ma ttieħdet qatt xi deċiżjoni b'nofs kedda jew mingħajr ma kien hemm raġuni tajba għaliha. Juru li l-imħarrkin saħansitra ħallew lill-atturi jerġgħu jrabbu t-tjur fir-razzett tagħhom sa minn żmien qabel kien wasal l-aħħar riżultat definittiv tal-analisi li saret barra. Għall-Qorti, dan juri wkoll li ma jistax jingħad li l-imħarrkin tnikkru fl-aċċertamenti tagħhom jew mxew bi traskuraġni, meta wieħed iqis li fin-nofs kien hemm aċċertamenti li jolqtu s-saħħa tal-konsumaturi u tas-saħħa tal-pubbliku. Kien biss meta ma kien għad fadal aktar dubju tal-preżenza ta' kimika projbita fil-kampjuni tat-tajr meħud mir-razzett tal-atturi li l-imħarrkin ħadu d-deċiżjoni li jżommu li ssir aktar trobbija sakemm l-affarijiet jissewwew;

Illi huwa prinċipju aċċettat li biex tinstab ħtija ta' omissjoni f'awtorita' pubblika jrid jintwera li l-ġrajja li minnha jitnisslu d-danni trid tkun waħda li kienet prevedibbli u li setgħet, b'għaqal u b'diliġenza ordinarja preventiva, tevita dik il-ħsara[26];

Illi f'dan il-qafas, l-atturi jqanqlu l-kwestjoni jekk dipartiment governattiv imissux ikun attrezzat biex aċċertamenti jagħmilhom f'laboratorju tiegħu minflok ikollu joqgħod jibgħat kampjuni għal analiżi f'laboratorji barra minn Malta. Dan jgħiduh biex isaħħu l-fehma tagħhom li l-imħarrkin naqsu li jżommu rwieħhom f'qagħda li jistgħu jaqdu liċ-ċittadin bl-iżjed mod imħaffef u effiċjenti. Dan l-argument tal-atturi m'huwiex nieqes minn ċertu siwi, iżda ma jibdilx il-fehma li l-Qorti kellha s'issa li l-imħarrkin ma naqsux milli jwettqu dmirijiethom. Kien fatt oġġettiv li f'Malta, f'dak iż-żmien tal-każ, ma kienx hawn laboratorji mgħammra biżżejjed biex ikunu jistgħu janaliżżaw il-

---

[25] Xhieda ta' Dr. Angele Casha 20.1.2010, f'paġġ. 115 -6 tal-proċess

[26] App. Inf. **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Delia vs Segretarju Permanenti u Direttur Dipartiment tat-Toroq et***

kampjuni miġbura. Kien ikun nuqqas tal-imħarrkin kieku l-kampjuni bagħtuhom f'xi laboratorju mhux attrezzat, sempliċement biex iħaffu. Kien ikun nuqqas ukoll kieku, minħabba li f'Malta ma kienx hawn laboratorji hekk mgħammra, naqsu li jibgħatu l-kampjuni barra minn Malta u jagħlqu għajnejhom għal dak li irriżulta. Wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh illi l-imħarrkin kellhom ukoll dmir ewlieni lejn il-massa ta' ċittadini konsumaturi li riedu jieklu mil-laħam imrobbi fl-irziezet f'Malta daqskemm kellhom obbligi lejn ċittadini bħall-atturi li jipproduċu dak il-laħam;

Illi fost argumenti oħrajn li jressaq l-attur jissemma li kollox kien jista' jinstab tarf tiegħu li kieku, ngħata ħjiel minn qabel mill-imħarrkin dwar il-kawża tat-tniġġis u, b'nefqa żgħira, kien seta' jibdel is-sistema li biha kien jisqi t-tjur. Huwa jgħid li dan dam ma sar għaliex l-imħarrkin tnikkru u damu ma qalulu mnejn kien ġej l-għawġ. Il-Qorti qajla taqbel mal-attur f'dan ir-rigward: mill-għamla ta' testijiet li saru għal tliet darbiet fir-razzett bejn l-2002 u l-2004, kien jidher li x-xamma kienet li t-tniġġis kien ġej mis-sistema mħaddem mil-atturi fuq it-tjur li kienu qegħdin jitrabbew. Ma tressqet l-ebda prova li turi li l-imħarrkin, jew min minnhom, żammew lill-attur milli jieħu kull pass li deherlu xieraq biex huwa wkoll isib tarf tal-problema. Għall-kuntrarju, tressqet xhieda[27] li turi li l-persuni dipartimentali li marru jiġbru kampjuni t-tieni darba mir-razzett tal-atturi kienu wissewhom b'dak li kien qiegħed jirriżulta mill-analiżi li saret fil-laboratorji barranin. Kien wara dik it-twissija li l-atturi bidlu s-sistema u t-tankijiet u dan kien qabel ma nfetħet il-kawża;

Illi, minbarra dan, tressqet prova xjentifika wkoll li turi li l-kimika projbita *furalidizone* li nsabu traċċi tagħha fil-laħam tat-tjur imrobbijin fir-razzett tal-atturi kienet waħda li ma ddubx fl-ilma (jiġifieri mhix *soluble*) u li wkoll meta kienet għadha mhux kontra l-liġi li tintuża, kien meħtieġ li tingħata biss bis-saħħa ta' riċetta maħruġa minn tabib veterinarju, u mhux tinxtara mir-raħħal minn ħanut bħallikieku qiegħed jikseb prodott ieħor b'xiri[28]. Minbarra

[27] Xhieda ta' Frans Farruġia 21.10.2009, f'paġ. 72 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Dr. Angele Casha 20.1.2010, f'paġ. 114 tal-proċess

dan, il-*furalidizone* ma kienx jirreżisti għad-dawl tax-xemx u kien jaqta' f'qasir żmien meta jintwera d-dawl tax-xemx[29]. Għall-Qorti, dawn il-fatti fundamentali jmieru l-allegazzjoni tal-atturi li l-aħħar li wżaw il-kimika kien lejn l-aħħar tas-snin disgħin. Dan jingħad għaliex it-traċċi ta' tinġis li nstabu kienu fil-kampjuni tal-laħam – muskoli u fwied – u mhux fl-ilma jew fl-għalf li kien jintuża;

Illi l-atturi ma ressqu l-ebda allegazzjoni li t-tinġis kimiku tat-tjur imrobijin minnhom seħħ b'xi għamil jew omissjoni tal-imħarrkin jew xi nies imqabbdin minnhom. Anqas u anqas urew b'xi prova li dan kien il-każ. F'qagħda bħal dik, fejn ir-raħħal huwa mgħobbi bir-responsabbilta' li jara li l-bhejjem jew tjur li qiegħed irabbi jkunu meħlusa minn kull mard jew tinġis, qajla jista' jingħad li dik ir-responsabbilta' tista' tintefa' fuq l-imħarrkin kif ġieb u laħaq sempliċement għaliex dawn ikunu wettqu jew ordnaw li ssir sensiela ta' stħarriġ biex isibu tarf mnejn kien ġej tali tniġġis. Li huwa ċert hu li s-setgħa li l-imħarrkin jordnaw testijiet u aċċertamenti f'ċirkostanzi bħal dawk li ġraw fir-razzett tal-atturi hija dmir li l-imħarrkin iridu jwettqu fir-responsabbilta' tagħhom li jħarsu saħħet il-pubbliku;

Illi, minbarra dan, irid jingħad ukoll li, fi kwestjonijiet marbuta ma' dannu kolpuż, huwa d-dmir tal-parti mġarrba li tagħmel ħilitha biex tnaqqas l-impatt tal-effetti tal-għamil li minnu tilminta[30]. Irriżulta mill-provi li, mat-tieni żjara li saret lir-razzett mill-ispetturi dipartimentali, l-attur kien imwissi li t-tniġġis kien reġa' rriżulta u li dan ma kienx ġej mill-għalf li kien qiegħed jagħti lit-tjur (kif stqarr huwa nnifsu meta mstoqsi minnhom). Dan kien iwassal minn tal-anqas għad-dmir li qabel ma jerġa' jixtri flieles oħra biex irabbi qatgħa oħra, jaċċerta ruħu li jkun qata' għal kollox kull għajn ta' suspett mnejn kien ġej l-istess tniġġis. Mill-provi rriżulta li, meta l-atturi bidlu s-sistema tal-ilma li jisqi t-tjur, ma kien għad fadal l-ebda tinġis. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-imħarrkin ma kienu bl-ebda mod marbuta li jibdlu s-sistema mniġġes tal-ilma tar-

[29] Xhieda ta' Frans Farruġia 17.2.2010, f'paġ. 125 tal-proċess
[30] Ara, App. Inf. **7.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Scerri et vs Auto Sales Limited***

razzett tal-atturi. Dak kien obbligu li jaqa' fuq l-atturi bħala n-nies li kienu jħaddmu r-razzett;

Illi għalhekk, l-Qorti ssib li ma ntweriex fi grad tajjeb biżżejjed bi provi xierqa li dak li ġara lill-atturi kienu jaħtu għalih l-imħarrkin b'xi nuqqas jew traskuraġni sanzjonati mil-liġi. Minħabba f'hekk, m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi billi ma nġabux raġunijiet tajba biżżejjed biex isostnuha;

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li ma sar xejn min-naħa tal-imħarrkin li bih jista' jingħad li huma jaħtu għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi, ma hemmx għalfejn li l-Qorti tistħarreġ u tidħol f'eżami tad-danni pretiżi mill-atturi. Dan l-eżerċizzju kien jiddependi mill-kwestjoni tar-responsabbilta', u ladarba l-imħarrkin ma nstabux ħatja ta' xi nuqqas bi traskuraġni jew mod ieħor, ma jkun hemm l-ebda siwi li ssir likwidazzjoni ta' danni u wisq anqas il-kundanna tal-ħlas tal-istess danni;

Illi għalhekk, lanqas it-tieni u t-tielet talbiet attriċi m'huma sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mill-provi mressqa ma ssibx li l-imħarrkin jaħtu għall-ħsara mġarrba mill-atturi, u billi ma ntweriex li l-istess imħarrkin naqsu bi traskuraġni u jew b'xi mod ieħor;

**Tiċħad it-talbiet l-oħrajn attriċi** billi huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin, **bl-ispejjeż** kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------